**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 238/2010**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Victor Falzon**
**(ID 540961(M))**

**Illum, 2 ta' Ottubru 2015**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Victor Falzon ta' 47 sena, iben Joseph u Salvina nee` Grech, imwieled il-Pieta` fil-21 ta' Awwissu 1961, residenti 58, Block B, 'Hilltop Court', Triq is-Sliem, Marsaskala, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 540961(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-17 ta' Jannar 2009 u fis-snin ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini

Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Htija</u>**

Illi l-fatti saljenti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar is-17 ta' Jannar 2009, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga esegwew tfittxija fir-residenza tal-imputat odjern, fejn sabu sustanza suspettata droga, kif ukoll xi oggetti relatati mal-uzu tad-droga. Saret tfittxija ukoll fir-residenza ta' certa Mary Schembri, li dak il-hin kienet qeghda mal-imputat, fejn instab mizien elettroniku. Kemm Schembri, kif ukoll l-imputat gew arrestati u mehuda fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, ghall-investigazzjoni ulterjuri. Wara li nghata s-solita twissija vigenti fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat stqarr mal-Ufficjal Investigatur kif waslet ghandu s-sustanza misjuba fir-residenza tieghu u liema droga huwa kien jaghmel uzu minnha dak iz-zmien. Din il-verzjoni, madankollu, ma ttehditx bil-miktub. Sussegwentement, meta l-imputat gie biex jirrilaxxja l-istqarrija tieghu bil-miktub, huwa ghazel li jaghti verzjoni differenti.

Fix-xhieda tieghu, **PC 10 Trevor Cassar Mallia**[1] jghid illi ghall-habta tas-7.00 p.m. saret tfittxija gewwa l-appartament tal-imputat fi Triq is-Sliem, Marsaskala, li dak il-hin kien akkumpanjat minn Mary Schembri. Fil-kcina nstab pakkett tas-sigaretti *Silk Cut* li kien fih tliet boroz bi trab abjad suspettat kokaina. Instabet ukoll kaxxa tal-metall li kien fiha xi haxixa u weraq suspettat *cannabis* u mill-kamra tas-sodda, minn gewwa kexxun, giet elevata borza bi trab abjad suspettat kokaina. Sussegwentement, minn tfittxija li saret fil-fond tat-tfajla, ossia Schembri, liema fond kien jinsab fl-istess triq, gie elevat mizien elettroniku. Meta muri Dok. DT 3 – ossia l-oggetti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur bhala droga u oggetti relatati mal-uzu tad-droga – ix-xhud ikkonferma illi dawn kienu l-oggetti elevati mill-fond imsemmi u kkonferma wkoll illi l-mizien esebit bhala Dok. DT 2 kien il-mizien elevat.

[1] A fol. 36 *et seq* tal-process.

Fix-xhieda tieghu, **l-Ispettur Saviour Baldacchino**[2] jghid illi saret tfittxija fil-fond tal-imputat, fejn fil-kcina instab pakkett tas-sigaretti *Silk Cut* li kien fih tliet boroz bi trab abjad suspettat kokaina u fil-kamra tas-sodda nstabet kaxxa tal-metall li fih kien hemm xi haxixa. Fl-appartament tat-tfajla tal-imputat, certa Mary, instab mizien elettroniku. Meta muri l-oggetti esebiti bhala Dok. DT 2 u DT 3, huwa gharafhom bhala l-oggetti li gew imsemmija fix-xhieda tieghu.[3]

Mir-relazzjoni tal-espert[4], **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, jirrizulta illi huwa nghata s-segwenti dokumenti ghall-analizi tieghu ossia:

i. Borza tal-plastik trasparenti mmarkata DT 2 li fiha *pocket* tad-drapp ta' lewn iswed, li fih mizien li jahdem u karta bil-kliem Data <u>17/01/09</u> Hin <u>20.00</u> Elevat/i minn <u>35, Gardenia, Triq is-Sliem, Marsaskala (Bedroom)</u> fil-presenza ta' Schembri Mary u Falzon Victor minn PC 10, PS 396, PC 10 – dan gie moghti l-kodici tal-laboratorju 363_11_01;

ii. Borza tal-plastik trasparenti mmarkata DT 3 li fiha: (i) kaxxa tas-sigaretti u li kien fih tliet boroz tal-plastik trasparenti li kien fihom trab ta' lewn abjad;[5] (ii) *crusher* tal-plastik – dan gie moghti l-kodici tal-laboratorju 363_11_02;

iii. Borza tal-plastik trasparenti li fiha: (i) karta bil-kliem: Data <u>17/01/09</u> Hin <u>07.30pm</u> Elevat/i minn fuq il-mejda tal-kcina fil-prezenza ta' <u>Victor Falzon I.D. 540961(M)</u> minn <u>PS 396, PC 10</u>; (ii) tliet bicciet ta' sustanza kannella (iii) borza tal-plastik li kien fiha trab ta' lewn kannella; (iv) landa tal-hadid li fiha pakkett ta' *Rizla Papers* u xi ticpis ta' lewn kannella; (v) borza tal-plastik li fiha karta bil-kliem Data <u>17/01/09</u> Hin <u>07.30pm</u> Elevat/i minn <u>gol-kexxun tal-gradenza tal-bedroom</u> fil-presenza ta' <u>Victor Falzon I.D. 540961(M)</u> minn <u>PS 396, PC 10</u> u borza tal-plastik

---

[2] A fol. 40 *et seq* tal-process.
[3] L-ezitu ta' dawn it-tfittxijiet gie wkoll ikkonfermat minn WPC 23 Geraldine Buttigieg fix-xhieda taghha (a fol. 149 *et seq* tal-process).
[4] Din tinsab esebita a fol. 124 *et seq* tal-process.
[5] Apparti minn dan, jidher illi fil-pakkett tas-sigaretti 'Silk Cut' kien hemm ukoll nofs sigarett tal-marka 'Rothmans King Size' li x'aktarx bi zvista ma ssemmiex mill-espert Sammut f'dan il-paragrafu. Dan qed jinghad ghaliex fl-ewwel lok, jirrizulta mill-ewwel relazzjoni tal-espert Joseph Mallia, Dok. JM1, illi meta huwa fetah Dokument DT 3, huwa sab dan in-nofs sigarett fl-imsemmi pakkett (apparti tliet boroz zghar tal-*plastic* trasparenti vojta u mcappsin bi trab ta' lewn abjad)(ara a fol. 52 tal-process), liema sigarett jissemma wkoll fir-relazzjoni tieghu a fol. 58 u jidher fir-ritratt a fol. 60A u fit-tieni lok, ghaliex l-espert Sammut stess fil-konkluzjonijiet tieghu jsemmi sigarett li kien fid-dokument 363_11_02.

li kien fiha trab ta' lewn abjad – dan gie moghti l-kodici tal-laboratorju 363_11_03;

iv. Borza tal-plastik trasparenti mmarkata DT4 li fiha *diary* ta' lewn ahdar – dan gie moghti l-kodici tal-laboratorju 363_11_04.

Il-konkluzjonijiet tal-istess espert dwar l-imsemmija dokumenti huma s-segwenti:

a) Fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad fid-dokumenti 363_11_02 u 363_11_03, instabet is-sustanza kokaina. Il-piz tat-trab kien ta' <u>1.77 grammi</u> u l-purita` kienet ta' cirka <u>28%</u>;

b) Fuq *swab* mehuda mill-*crusher* fid-dokument 363_11_02 u fuq estratti mehuda mis-sustanzi u mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 363_11_03, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* li hija sustanza li tigi mill-pjanta tal-*cannabis*. Il-piz tat-trab kien ta' 0.58 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 5%;

c) Ma nstabitx droga fuq *swab* mehuda mill-mizien fid-dokument 363_11_01, fuq estratt mehud mis-sigarett fid-dokument 363_11_02 u fuq *swab* mehud mil-landa fid-dokument 363_11_03.

Miz-zewg relazzjonijiet tal-**espert Joseph Mallia**[6], liema espert gie nominat sabiex janalizza l-kontenut tad-Dokumenti DT 2 sa DT 4 ghall-presenza u zviluppar ta' impronti digitali u wara jikkompara dawn mal-impronti digitali tal-imputat, jirrizulta illi minn ezamijiet li saru fuq il-kontenut ta' Dokument DT 2 (ossia l-mizien elettroniku), sabiex jigu zviluppati impronti digitali fuq l-istess kontenut, l-impronti li gew zviluppati kienu zghar hafna u neqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni. L-istess fir-rigward tal-kontenut tad-Dokument DT 3. Fir-rigward tad-Dokument DT4, ossia d-djarju, bicciet ta' karti zghar u kartuna ta' qies ta' madwar A4 *paper*, gew zviluppati tmintax impronta digitali, apparti impronti ohrajn li kienu zghar hafna ghal fini ta' komparazzjoni. Dwar dawn it-tmintax impronti digitali li gew zviluppati, jirrizulta illi sittax minn dawn l-impronti, meta kkomparati kemm mal-formola tal-impronti digitali tal-imputat, kif ukoll mal-formola tal-marki tal-pali tal-idejn tal-istess imputat, taw rizultat negattiv. Iz-zewg impronti l-ohrajn kienu neqsin mill-punti

[6] L-ewwel relazzjoni, Dok. JM1, tinsab esebita a fol. 48 *et seq* tal-process u t-tieni relazzjoni, Dok. JM 3, tinsab esebita a fol. 97 *et seq* tal-process.

karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni u ghalhekk ma setghux isiru ezamijiet komparattivi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Kif diga` inghad izjed 'il fuq, l-imputat gie mitkellem darbtejn mill-pulizija – l-ewwel okkazzjoni ftit wara l-arrest tieghu fil-jum in kwistjoni, u t-tieni okkazzjoni l-ghada 18 ta' Jannar 2009, fejn huwa rrilaxxja stqarrija li tnizzlet bil-miktub. Permezz ta' rikors ipprezentat minnu fid-19 ta' April 2011[7], l-imputat talab referenza kostituzzjonali ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni sabiex jigi determinat jekk in-nuqqas tad-dritt ghall-presenza tal-avukat waqt l-interrogatorju tieghu mill-pulizija kienx leziv tad-drittijiet tieghu, kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Fl-imsemmi rikors, l-imputat ghamel referenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, b'mod partikolari ghas-sentenzi 'Salduz v. Turkey' u 'Panovits v. Cyprus', kif ukoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Alvin Privitera' deciza fil-11 ta' April 2011. Minn qari tar-rikors jirrizulta car illi l-ilment tal-imputat kien dovut ghall-fatt illi l-imputat ma nghatax id-dritt li jitkellem ma' avukat qabel irrilaxxja l-istqarrija tieghu fit-18 ta' Jannar 2009.

Fir-risposta tieghu tal-25 ta' April 2011[8], il-Kummissarju tal-Pulizija wiegeb illi dan m'huwiex kaz li jistrieh interament fuq l-istqarrija tal-imputat, ghaliex fil-kaz odjern hemm provi ohrajn li xorta jistghu jwasslu lill-Qorti sabiex issib htija fil-grad rikest mil-ligi. Ukoll skond il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Qorti ghandha tevalwa l-provi kollha migjuba fl-assjem taghhom u mhux l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat wahedha.

B'digriet tal-24 ta' Ottubru 2011[9], din il-Qorti kif diversament preseduta, cahdet it-talba tad-difiza ghal referenza kostituzzjonali u ordnat il-prosegwiment tal-kawza. F'dan id-digriet, wara li l-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Pulizija vs Alvin Privitera** tal-11 ta' April 2011 u **Pulizija vs Esron Pullicino** u **Pulizija vs Mark Lombardi**, it-tnejn decizi fit-12 ta' April 2011, qalet hekk:

---

[7] A fol. 19 *et seq* tal-process.
[8] Din ir-risposta tinsab esebita a fol. 23 *et seq* tal-process.
[9] A fol. 27 *et seq* tal-process.

"*Ir-rimedju li ghandu jinghata huwa propju dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta'* ***Privitera*** *fuq citat, u cioe` li l-Qorti tal-Magistrati "tevalwa l-validita` u l-ammissibilita` tal-provi migjuba quddiemha*" *fid-dawl tal-konkluzjonijiet tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li l-atti tal-kawza mertu tas-sentenza kostituzzjonali ghandhom jibqghu intatti, pero meta din il-Qorti tasal biex taghti s-sentenza ghandha tixtarr il-provi migjuba quddiemha sabiex tassigura li l-htija jew l-innocenza ta' l-imputat tigi esklussivament stabbilita minn provi mhux inkwinati minhabba li jilledu d-dritt ta' smiegh xieraq, u li l-istqarrija ma jkollha l-ebda influwenza, diretta jew indiretta, fuq l-ezitu ta' dawk il-proceduri kriminali*".

Issa minn dakinhar li nghata dan id-digriet, kemm il-Qorti Kostituzzjonali, kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali ppronunzjaw ruhhom diversi drabi ohrajn dwar il-punt issollevat mid-difiza u specifikatament dwar l-ammissibilita` o meno ta' stqarrija rilaxxjata minghajr l-opportunita` lill-eventwali imputat jew akkuzat li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu u komplew jiccaraw il-posizzjoni li ttiehdet f'dawn it-tlett sentenzi. Fit-8 ta' Ottubru 2012, inghatat sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** fejn dik il-Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea u fit-22 ta' Frar 2013, fis-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amanda Agius** u **Il-Pulizija vs Tyrone Fenech**, il-Qorti Kostituzzjonali regghet irriaffermat il-principji stabbiliti fis-sentenza ta' Charles Steven Muscat ossia illi l-ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq isehh meta l-istqarrija tkun ittiehdet abbuzivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittiehdet minghajr l-ghajnuna ta' avukat. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tyrone Fenech** inghad hekk:

*"... il-qorti tibda biex tghid illi l-jedd ta' ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jinghata mhux biex tinholoq formalita` li n-nuqqas taghha jaghti mezz ta' difiza lill-akkuzat: dak il-jedd jinghata ghall-iskop preciz illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija moghtija mill-persuna interrogata tkun inghatat b'ghazla hielsa, b'gharfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla theddid, weghdiet, vjolenza jew b'xi mod iehor abuzivament. Il-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq isehh meta l-istqarrija tittiehed abuzivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittiehdet minghajr l-ghajnuna ta' avukat.*

*... Ghalkemm din il-qorti ma taqbilx illi hija interpretazzjoni korretta tal-kaz ta' Salduz illi tghid illi n-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat iwassal, ghalhekk biss u ipso*

*facto, ghall-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq*[10]*, madankollu jista' jigri, indipendentement minn x'intqal f'*<u>*Salduz*</u>*, illi stqarrija mehuda minghajr il-garanziji ta' legittimita` twassal ghall-ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq, mhux ghax l-interrogat ma kellux ghajnuna ta' avukat izda ghax l-istqarrija tkun ittiehdet abuzivament u ma tkunx ta' min joqghod fuqha.*
*... Din il-qorti ga` osservat illi l-jedd ghal smiegh xieraq ma jinghatax biex min hu hati jahrab il-konsegwenzi ta' ghemilu minhabba xi formalita` nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali. Qabel ma dahal fis-sehh l-Art. 355AT tal-Kodici Kriminali l-jedd ghal parir ta' avukat kien maghruf bhala element tal-jedd ghal smigh xieraq bil-hsieb illi jitharsu persuni illi, minhabba sitwazzjoni partikolari ta' vulnerabilita`, djghufija jew biza', setghu jaghmlu stqarrijiet li bis-sahha taghhom jinsabu hatja meta fis-sewwa hatja ma humiex. L-ghajnuna ta' avukat f'sitwazzjonijiet bhal dawn isservi biex teghleb dik il-vulnerabilita` u biex taghti garanzija kontra kull abbuz fit-tehid tal-istqarrija.*"

F'dak il-kaz, stante illi l-imputat kien ghadu kemm ghalaq dsatax-il sena meta ghamel l-istqarrija tieghu, il-Qorti Kostituzzjonali qieset illi jista' jkun li minhabba l-eta` tieghu, huwa kellu dik il-vulnerabilita` u ghalhekk nuqqas ta' dik il-garanzija iwassal ghall-ksur tal-Artikolu 6. L-istess gie deciz fil-kaz <u>**Pulizija vs Amanda Agius**</u>, fis-sens illi minhabba l-eta` taghha, hija wkoll kellha dik il-vulnerabilita`.

Il-principji stabbiliti f'dawn is-sentenzi gew ukoll riaffermati f'sentenzi ohrajn, fosthom <u>**John Attard vs L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali**</u>, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2013, <u>**Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech**</u>, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April 2013, <u>**Joseph Bugeja vs Avukat Generali**</u>, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Jannar 2013, <u>**Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio sive Anthony Abdilla et**</u>, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Mejju 2013, <u>**Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba**</u>, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013, <u>**Il-Pulizija vs Jesmond Camilleri**</u>, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' April 2013 u <u>**Il-Pulizija vs Alexei Zerafa**</u>, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 2013. L-istess principji regghu gew ribaditi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 2013, fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Alvin Privitera**</u>, f'liema sentenza saret referenza ghal sentenza ohra deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013, fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Paul Cutajar**</u> u fis-sentenza tal-istess Qorti fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Robert Busuttil**</u> tal-20 ta' Frar 2014.

---

[10] Il-Qorti hawnhekk ghamlet referenza ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet <u>Charles Steven Muscat vs Avukat Generali</u>, u sentenza ohra fl-ismijiet <u>Joseph Bugeja vs Avukat Generali</u> (Qorti Kostituzzjonali, 14 ta' Jannar 2013).

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Cutajar**, inghad hekk:

"*Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata 'l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentament (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali u Gianni Attard vs Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita ta' l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi nterrogat mill-pulizija. F'dan il-kaz irrizulta illi l-appellant fiz-zmien ta' l-arrest tieghu kien persuna matura ta' 48 sena, kien jaf, fehem sew x'kienu qeghdin jghidu l-pulizija u li kellu d-dritt illi jzomm sieket. Dana ma ghamlux u minflok iddecieda li jaghti l-verzjoni tieghu f'din l-istess stqarrija. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi din il-verzjoni abbinata ma' provi ohra li rrizultaw f'dan il-process iwasslu lil din il-Qorti ghal konviciment morali illi ma hemm xejn hazin fl-istqarrija illi ghamel l-appellant lill-pulizija u dina ghandha tigi kkunsidrata fl-ambitu tal-provi kollha mressqa mill-prosekuzzjoni.*"

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta illi meta ttiehdet l-istqarrija tieghu, l-imputat ma kienx minuri jew ta' eta` li wiehed jista' jsejjhilha tenera, izda anzi kien ragel adult u matur ta' sebgha u erbghin sena, ghalkemm ma jidhirx illi kien involut f'xi nvestigazzjonijiet ohrajn precedentement ghal dan il-kaz. Fil-fatt il-fedina penali tieghu fiz-zmien tal-kaz odjern kienet tinkludi biss kundanni dwar reat kontravvenzjonali u reati li dwarhom mhux solitu li wiehed jigi interrogat mill-pulizija. Madankollu, minn harsa lejn l-istqarrija rilaxxjata minnu, jirrizulta illi qabel l-interrogatorju tieghu l-imputat gie mgharraf bid-dritt tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx, u skond il-ligi vigenti dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn. Jirrizulta wkoll illi huwa ffirma l-istqarrija rilaxxjata minnu flimkien mad-dikjarazzjoni illi l-istqarrija ghamilha volontarjament, minghajr theddid, weghdiet jew twebbil ta' xi vantaggi u wara li kien qara l-istess stqarrija u m'hemm l-ebda allegazzjoni da parti tieghu illi dan ma kienx il-kaz. L-imputat lanqas ma allega li kien ibati minn xi forma ta' vulnerabilita` fiz-zmien in kwistjoni. Mhux biss, izda meta l-imputat xehed f'dawn il-proceduri, huwa ma fittex bl-ebda mod li jiehu lura din l-istqarrija, izda anzi ddikjara illi kienet il-verzjoni li ta f'din l-istqarrija li kienet il-verzjoni veritiera a kuntrarju tal-verzjoni li huwa kien ta fil-jum ta' qabel lill-Ufficjal Investigatur.

Imbaghad, il-Qorti tqis ukoll illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat m'hijiex l-uniku prova li qeghda tistrieh fuqha l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz. Fil-pussess tal-imputat fil-jum in kwistjoni, fil-fatt instabu erba' boroz tal-*plastic* li kienu jikkontjenu l-kokaina apparti sustanzi ohrajn li kienu jikkontjenu s-sustanza *Tetrahydrocannabinol* u oggetti ohrajn relatati mal-uzu tad-droga u nstab ukoll mizien elettroniku. Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi u fuq skorta tad-decizjonijiet fuq citati, il-Qorti jidhrilha illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat abbinata ma' provi ohrajn li jirrizultaw mill-atti, hija ammissibbli u din ser tigi kkunsidrata fl-ambitu tal-provi kollha li gew imressqa quddiemha.

Ghalkemm id-difiza ghamlet it-talba taghha fuq imsemmija specifikatament fir-rigward tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fit-18 ta' Jannar 2009 u mhux b'referenza wkoll ghal dak li huwa stqarr mal-Ufficjal Prosekutur fil-jum ta' qabel, biss l-istess principji japplikaw ghal dak li stqarr dakinhar, anke jekk dan ma tnizzilx bil-miktub. Ai termini tal-Artikolu 658 tal-Kap. 9, tista' tittiehed bi prova kontra min ikun sqarrha, kemm il-darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza' jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi, "*kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr, sew bil-miktub <u>kemm ukoll bil-fomm</u>*" [sottolinear tal-Qorti]. In oltre ai termini tal-Artikolu 659(2) tal-istess Kapitolu, xejn f'dan l-artikolu ma jimpedixxi li tittiehed bhala prova kull konfessjoni ohra bil-fomm li tkun saret qabel jew wara l-konfessjoni li titnizzel bil-miktub. Dan certament li japplika ghal dak li stqarr l-imputat mal-Ufficjal Investigatur bil-fomm fil-jum ta' qabel ittiehdet l-istqarrija tieghu bil-miktub. Dwar din l-ewwel stqarrija jew konfessjoni tal-imputat, **l-Ufficjal Prosekutur**[11] xehed illi din saret wara li l-imputat kien inghata s-solita twissija ossia li kellu d-dritt li ma jwegibx u li dak kollu li jghid jista' jingieb bhala prova fil-konfront tieghu u li dan inghad lill-imputat fil-presenza ta' **WPS 120 Caroline Marmara Jacono** li kkonfermat fix-xhieda taghha[12] illi l-ewwel verzjoni tal-imputat inghatat minnu wara li huwa nghata d-dritt tieghu li jibqa' sieket. L-istess xhud qalet ukoll illi l-imputat ta din l-ewwel stqarrija volontarjament u fil-waqt li l-Ispettur Theuma beda jistaqsih id-domandi, l-imputat beda jikkopera u jwiegeb ghalihom u li l-imputat baqa' jinsisti fuq din il-verzjoni u beda anke jibki. Dwar dan l-Ispettur Theuma, fix-xhieda tieghu jghid hekk "*Jiena fil-fatt insistejt mieghu, mhux darba u tnejn. Baqa' jinsisti li dik hija l-verzjoni u sahansitra anke beda jibki tant kemm ghafastu*.[13] B'dan il-Qorti tifhem illi l-Ufficjal Investigatur insista hafna mal-imputat biex jghidlu l-verita` u l-fatt li dan beda jibki meta sab ruhu f'din is-sitwazzjoni ma jfissirx illi l-istqarrija giet rilaxxjata minnu b'mod

[11] Ix-xhieda tieghu tinsab a fol. 8 *et seq* tal-process.
[12] A fol. 31 *et seq* tal-process.
[13] A fol. 11 tal-process.

involontarju. Jidher biss li l-imputat hassu dahru mal-hajt ghaliex baqa' jigi pressat mill-Ufficjal Investigatur biex jghid il-verita` u fil-fehma tal-Qorti dan bl-ebda mod ma jirrendi stqarrija invalida jew inammissibbli, ghaliex huwa naturali li Ufficjal Investigatur jaghmel l-almu tieghu biex jipprova johrog il-verita` kollha, purche` dan ma jsirx b'mezzi illeciti, li f'dan il-kaz ma jirrizultawx. L-Ufficjal Prosekutur jghid ukoll illi meta wara l-ewwel stqarrija, huwa staqsa lill-imputat ghaliex kien qed ibiddel il-verzjoni tieghu, dan qallu li fil-jum ta' qabel kien konfuz, izda skond l-Ispettur "*is-Sur Victor Falzon meta verbalment qalli dik il-verzjoni, mhux biss verbalment imma anke wara li kien gie mwissi u fil-presenza ta' pulizija ohrajn, ma kienx assolutament fi stat konfuzjonali*".[14] Veru illi l-imputat jghid illi fl-ewwel stqarrija huwa ma qalx il-verita` ghaliex kien qed jibza', izda apparti illi l-Qorti ghandha dubji serji dwar dan, kif ser jigi spjegat izjed 'l isfel meta l-Qorti ser tigi biex tezamina l-kredibilita` tal-imputat, b'dan kollu l-Qorti ma ssib xejn fl-atti li jindika illi l-ewwel stqarrija nghatat minnu b'mod involontarju – anzi x-xhieda dwar ir-rilaxx ta' din l-istqarrija turi proprju mod iehor – u ghalhekk il-Qorti tqis illi din hija kwistjoni ta' evalwazzjoni li hija trid taghmel dwar il-provi kollha migjuba quddiemha, inkluz il-kontenut tal-ewwel stqarrija rilaxxjata mill-imputat. Il-biza' li ssemmi l-ligi fl-Artikolu 658 tal-Kap. 9 trid tkun biza' attwali u reali u f'dan il-kaz din il-biza' ma tirrizultax.

Determinat dan il-punt, il-Qorti ser tghaddi biex tevalwa l-provi prodotti fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet ossia dawk ta' traffikar tad-droga kokaina u pussess aggravat tal-istess droga. Kemm mix-xhieda, kif ukoll mis-sottomissjonijiet finali tal-Ufficjal Prosekutur, jirrizulta illi dawn l-imputazzjonijiet gew mahruga fil-konfront tal-imputat a bazi tal-ewwel verzjoni li huwa ta lill-Pulizija, liema verzjoni skond il-Prosekuzzjoni, anke ghaliex din inghatat mill-imputat *a tempo vergine*, ftit mumenti biss wara li huwa gie arrestat mill-Pulizija, hija l-verzjoni li ghandha temmen din il-Qorti u li a bazi taghha ghandha tasal biex issib lill-imputat hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. Wara li fliet bir-reqqa kemm l-ewwel verzjoni moghtija mill-imputat, kif ukoll it-tieni verzjoni moghtija minnu fl-istqarrija tat-18 ta' Jannar 2009 u wara li semghet ukoll lill-imputat jixhed quddiemha, il-Qorti tista' tghid minghajr tlaqliq illi dwar il-provenjenza tad-droga kokaina li nstabet fil-pussess tieghu, la temmen it-tieni verzjoni moghtija minnu u wisq inqas l-ewwel wahda.

Dwar l-ewwel verzjoni tal-imputat, l-**Ispettur Dennis Theuma** xehed[15] illi l-istess imputat qal illi l-erba' qratas kokaina li nstabu fil-pussess tieghu gew moghtija lilu

[14] A fol. 13 tal-process.
[15] A fol. 11 tal-process.

minn zewg persuni ta' nazzjonalita` Afrikana li huwa gieli ra fil-*Lemon and Lime Bar* gewwa Marsaskala. Skond l-imputat, dawn kienu qalulu sabiex izomm id-droga ghalihom, li kienu ser jiehduha minghandu izjed tard u li kienu ser icemplulu qabel jaghmlu dan. Ghal dan il-pjacir li kien ser jaghmlilhom, huma tawh gramma frak tal-werqa tal-*cannabis*. Ukoll skond din il-verzjoni, l-imputat qatt ma kien abbuza mill-kokaina stante li kien *bodybuilder* dilettant u ghalhekk l-uzu tal-kokaina ma kienx imur tajjeb ma' dan id-delizzju tieghu. Qal illi huwa kien ipejjep ir-raza tal-*cannabis* regolarment u in oltre ammetta li huwa kien ta xi ftit mill-kokaina li giet misjuba fil-kamra tas-sodda tieghu, lill-habib tieghu, sabiex dan iduq minnha u li dan ghamlu ghaliex huwa ma kienx jaghmel uzu mill-kokaina. L-imputat ma kienx f'posizzjoni li jaghi nformazzjoni la dwar dan il-habib tieghu u lanqas dwar il-persuni ta' nazzjonalita` Afrikana li suppost tawh il-kokaina, ghalkemm gie mitlub din l-informazzjoni. Dwar il-mizien elettroniku li nstab fir-residenza ta' Mary Schembri, huwa qal li dan kien tieghu u li kien sabu gewwa *skip* f'*playing field* f'Marsaskala u haseb li kien gugarell, gabru u hadu fid-dar ta' Mary.

Fit-tieni verzjoni tieghu, ossia dik li giet moghtija minnu fl-istqarrija tat-18 ta' Jannar 2009, imbaghad, l-imputat jikkonferma illi s-sustanza fl-erbat iqratas misjuba fir-residenza tieghu kienet kokaina u mistoqsi jekk jiehux kokaina, huwa jghid illi b'kollox ha xi seba' darbiet fuq perjodu ta' disa' snin, li l-ahhar darba li kien ha l-kokaina kien fl-ahhar tas-sena waqt *party*, li dejjem iddobba l-kokaina minghand haddiehor ossia nies li jkunu fil-*parties* u li ma jafhomx u li qatt ma xtara kokaina ghalih. Jghid illi t-tlett pakketti bil-kokaina li nstabu fil-kcina kienu ghandu sabiex jehodhom f'okkazzjonijiet. Dwar il-verzjoni li huwa ta fil-jum precedenti, jghid li huwa kien qed jigdeb ghaliex beza', izda wara li tkellem ma' persuna ohra fil-*lock up*, liema persuna skond hu fethitlu mohhu, huwa ddecieda li jghid il-verita`. Jghid illi madwar jumejn qabel gie arrestat, waqt li kien hdejn ic-Chick King f'Marsaskala, huwa ra karozza tal-pulizija tieqaf hdejn il-bandli. "*Innutajt dawn iz-zewg suwed li kienu bilqeghda fuq ic-cint faccata w deheru jippanikjaw malli raw il-pulizija. Qabdu jimxu flimkien w innutajthom ipoggu borza sewda taht ir-rota tat-trailer ta' lanca tas-sajd li kienet hemm sorguta w qabdu jimxu lejn il-Germa Palace Hotel. Jien stennejt il-pulizija jitilqu w mort nara x'kien hemm w insib l-erbgha qratas kokaina li sabu il-pulizija w il-borza bis-sensimilla fiha li sabu wkoll il-pulizija. Jien dawn hadthom biex nuzaghhom ghal uzu personali*". Jghid illi huwa jpejjep *Rothmans* ahmar u li l-pakkett tas-*Silk Cut* sabu mal-art meta sab l-affarijiet li hbew is-suwed. Jghid ukoll illi lil dawn il-persuni kien rahom darbtejn ohra qabel gewwa Marsaskala, izda qatt ma kellimhom. Dwar il-borza bil-kokaina li nstabet fil-kamra tas-sodda li kienet differenti mit-tliet boroz l-ohrajn li nstabu fuq il-mejda, jghid li dawn hekk kienu

meta sabhom u li huwa kien ser jiehu minn dak il-qartas li nstab fil-kamra tas-sodda, izda dahlet Mary fuqu u hbieh ghax ma riedx juriha. Cahad dak li qal fil-jum ta' qabel illi minn dan il-pakkett huwa kien ta lil habib tieghu biex jippruvah, izda rega' kkonferma l-verzjoni tieghu dwar il-mizien li nstab fir-residenza ta' Mary. Dwar il-frak tar-raza tal-*cannabis* li nstabitlu, huwa jghid li huwa xtara dawk il-bicciet tar-raza tal-*cannabis* mill-Marsa, minghand wiehed iswed hdejn it-*Tiger Bar* u li hallas Eur 23 ghal bicca ta' *ten*, li kien ilu jpejjep ir-raza tal-*cannabis* mis-sena 1995 u li kien ilu jpejjep is-sensimilla – weraq tal-pjanta tal-*cannabis* biz-zerriegha mahkuka – bejn wiehed u iehor mill-istess sena. L-imputat cahad li huwa kien ser jaghti mill-qratas tal-kokaina li kellu lil terzi u qal li dawn kienu ghalih u cahad ukoll illi juza l-mizien biex jizen il-qratas tal-kokaina biex ibieghhom lil terzi.

Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri[16], **l-imputat** jghid illi huwa kien ghamel uzu minn wahda mill-boroz bil-kokaina li nstabu fir-residenza tieghu ossia dik li kienet fil-kamra tas-sodda. Jghid illi kien bil-qeghda hdejn ic-*Chick King*, ra erba' suwed ghaddejjin minn fuq il-bankina ta' faccata, waqfet karozza tal-pulizija sabiex dawn jixtru u kif dawn raw lill-pulizija ippanikjaw, tefghu xi haga taht id-dghajjes u peress illi huwa dherlu li dawn rmew xi haga ghaliex bezghu mill-pulizija, hekk kif telqu l-pulizija, huwa mar u gabar dak li kien gie mormi ossia hamest iqratas u xi ftit haxixa, li kienet go borza ghaliha. Skond hu, huwa pejjep minn din il-haxixa li sussegwentement instabitlu d-dar. Qal illi dawn in-nies, huwa ma kienx jafhom u li "*Difficli ngharaf lis-suwed. Ghalija qishom kollha l-istess*".[17] Qal illi l-mizien li nstab fil-fond ta' Mary kien tieghu, li hdejn ic-*Chick King* kien hemm hanut tad-deheb li kien zarma u rema kollox. Minn dawn l-affarijiet li gew mormija, huwa kien ha erba' arloggi, li bieghhom u dan il-mizien, huwa xghelu, ra li jahdem, ghogbu u hadu. Il-mizien kien ilu daqsxejn ghandu u tefghu f'kexxun fil-*flat* ta' Mary ghall-ebda raguni partikolari. Mistoqsi ghalfejn ma hallihx fir-residenza tieghu, la kien ilu ghandu, huwa qal li ma kellux x'jambih, li ma kellux uzu ghalih u li kien ghandu biex ibieghu, bhal ma biegh l-arloggi. Wara qal li hallieh ghand Mary ghaliex hemm kien dakinhar li mar bih u allura tefghu hemm ghaliex il-*flat* taghha kien vojt peress illi kien ser ibajjad. Kien ilu vojt xi gimghatejn u l-mizien kien sabu madwar gimghatejn qabel. Mistoqsi dwar l-uzu tieghu mill-kokaina, huwa qal li ma kienx juza ta' spiss, li kien juza meta jkun hemm *party* jew celebrazzjoni, forsi ha xi erba' jew hames darbiet u li ma kienx jaffordja jixtriha.

[16] A fol. 170 *et seq* tal-process.
[17] A fol. 179 tal-process.

In kontro-ezami, imbaghad, l-imputat jghid illi huwa kien jixtri l-kokaina li kien juza dak iz-zmien minghand is-suwed hdejn it-*Tiger Bar* gewwa l-Marsa, li xtara biss xi darbtejn jew tliet darbiet u li jekk huwa kien jixtri gramma kokaina ma kienx ser jehodha f'darba ghax ma kienx *addict.* Qal li ma kienx juzaha ta' spiss. Dwar il-persuni ta' karnaggjon skur li jsemmi fit-tieni verzjoni tieghu, huwa jghid illi "*Rajthom jitfixklu raw lill-pulizija u waddbu li kellhom f'idejhom, waddbuh taht id-dghajsa u qabdu jigru n-naha tal-Jerma*".[18] Qal li ma jaghrafhomx, li kemm il-darba ra suwed hemmhekk, izda lilhom personalment ma kienx rahom qabel. Il-pakkett tas-*Silk Cut* li fihom instabu l-boroz bil-kokaina fid-dar tieghu, sabu hdejn id-dar. Skond hu, dan gara xi gimghatejn jew tlieta qabel ma gie arrestat, izda ma kienx cert dwar iz-zmien.

Kif diga` inghad izjed 'il fuq, kemm l-ewwel verzjoni, kif ukoll it-tieni verzjoni moghtija mill-imputat dwar il-provenjenza tad-droga huma, fil-fehma tal-Qorti, stirikkjati ghall-ahhar u l-Qorti la temmen wahda u lanqas l-ohra. Jibda biex jinghad illi konvenjentement fiz-zewg verzjonijiet tieghu, l-imputat jghid illi l-kokaina kienet tappartjeni lil nies ta' karnaggjon skura li huwa ma kienx jaf min huma u li lanqas kien kapaci jaghrafhom ghaliex skond hu, kollha qishom l-istess. Dwar l-ewwel verzjoni, il-Qorti tinnota li m'huwa la probabbli u lanqas verosimili illi zewg persuni li l-imputat ma kienx jafhom, hlief li rahom xi darbtejn gewwa l-*Lemon and Lime Bar* f'Marsaskala, jmorru proprju fuqu biex jitolbuh izommilhom id-droga ghaliex skond hu, kienu qed jibzghu li kien hemm xi pulizija li kienu qeghdin isegwuwhom[19] u dawn sahanistra jaghtuh 'premju' ta' dan ir-riskju f'forma ta' *cannabis* minn qabel u cioe` qabel ma huwa stess iroddilhom din id-droga lura. Certament illi tnejn min-nies kellhom jafdaw id-droga taghhom ma' terz injot ghalihom, hlief li forsi gieli rawh fl-imsemmi *bar,* m'huwiex kredibbli. Imbaghad terga' u tghid, mhux talli l-imputat ma giex mitlub jirritorna din id-droga lura, ghaliex sal-arrest tieghu din kienet ghadha ghandu, talli in oltre skond din il-verzjoni, huwa ghazel li jdewwaq minnha lill-habib tieghu biex jara x'inhi, meta din id-droga skond l-istess verzjoni, lanqas kienet tieghu, izda suppost kellu jirritornaha lura.

Lanqas, fil-fehma tal-Qorti, ma hija probabbli jew verosimili t-tieni verzjoni moghtija mill-imputat. Anke f'din l-istorja, kumbinazzjoni, dawn il-persuni ta' karnaggjon skura kien qeghdin fi stat ta' paniku ghaliex raw lill-pulizija u allura hallew id-droga warajhom taht dghajjsa. Madankollu, skond l-imputat fil-waqt illi huwa seta' jara illi l-pulizija kienu sempliciment waqfu biex jixtru xi haga, dawn

[18] A fol. 201 tal-process.
[19] Ara x-xhieda ta' WPS 120 Caroline Marmara Jiacono (a fol. 33 tal-process).

il-persuni ta' karnaggjon skura ma kinux kapaci jaghrfu dan u skond hu, kif appena raw karozza tal-pulizija, helsu minn dak li kellhom fuqhom. Dan apparti wkoll varji inkonsistenzi bejn din il-verzjoni kif rakkuntata minnu fl-istqarrija u l-istess verzjoni kif rakkuntata fix-xhieda tieghu, bhal per ezempju li minn zewg persuni (fl-istqarrija) dawn saru erbgha (fix-xhieda), li filli kienu qeghdin bilqeghda fuq cint (fl-istqarrija) u filli kienu ghaddejjin minn fuq il-bankina ta' faccata tieghu (fix-xhieda), li filli dawn wara li telqu d-droga warajhom hdejn id-dghajsa, baqghu mexjin lejn il-Jerma (fl-istqarrija) u filli telqu jigru lejn il-Jerma (fix-xhieda), filli poggew id-droga taht ir-rota ta' *trailer* ta' lanca hekk kif raw lill-pulizija (fl-istqarrija) u filli waddbu dak li kellhom f'idejhom taht dghajsa (fix-xhieda), filli lil dawn il-persuni huwa kien rahom darbtejn ohra hemm isfel (fl-istqarrija) u filli qatt ma kien rahom personalment (fix-xhieda), filli sab il-pakkett tas-*Silk Cut* fl-istess post fejn sab id-droga (fl-istqarrija) u filli sabu hdejn il-bieb tad-dar tieghu (fix-xhieda). Dan skond l-imputat sehh xi jumejn qabel ma gie arrestat, skond l-istqarrija, izda fix-xhieda qal li dan sehh xi gimghatejn jew tliet gimghat qabel, ghalkemm ma kienx cert ezatt miz-zmien. Din il-verzjoni dwar il-provenjenza tad-droga diga` fiha nnifisha m'hijiex wahda kredibbli jew probabbli, u dan imbaghad, izjed u izjed fid-dawl tal-verzjoni l-ohra li kien ta fil-jum ta' qabel, li kumbinazzjoni wkoll kienet tinvolvi persuni ta' karnaggjon skur li kienu agitati ghaliex kien hemm il-pulizija u fid-dawl ukoll tad-diversi inkonsistenzi bejn il-verzjoni kif spjegata fl-istqarrija u kif sussegwentement spjegata fix-xhieda tieghu.

Imbaghad, irid jinghad ukoll illi lanqas ma taghmel sens ir-raguni moghtija mill-imputat ghaliex ghogbu li jbiddel l-ewwel verzjoni tieghu u minflok jaghti t-tieni verzjoni. Skond l-imputat, huwa ta l-ewwel verzjoni ghaliex haseb li permezz taghha, huwa kien qieghed jghin lill-habiba tieghu Mary, fis-sens illi b'dak li qal, din setghet tigi rilaxxjata mill-Pulizija. Kienet din ir-raguni li l-imputat jaghti sabiex jispjega ghaliex ma qalx il-verita` fl-ewwel verzjoni. Biss lanqas fit-tieni verzjoni li huwa jaghti lill-pulizija u li, skond hu, tirrapprezenta l-verita`, ma hija b'xi mod implikata l-habiba tieghu Mary Schembri in konnessjoni mas-sejbien tad-droga u ghalhekk m'hemm l-ebda logika f'dak li jghid l-imputat ossia li huwa biddel il-verzjoni tieghu, ghaliex l-ewwel verzjoni taha sempliciment sabiex jipprotegi lill-habiba tieghu, izjed u izjed meta wiehed iqis illi l-unika mod li setghet tigi implikata Schembri kien bis-sejbien tal-mizien elettroniku fir-residenza taghha. F'dan ir-rigward, madankollu, il-verzjoni tal-imputat ma nbidlitx mill-ewwel sat-tieni verzjoni li huwa ta lill-Ufficjal Investigatur.

Wara li kkunsidrat dan kollu, il-Qorti tqis illi ma tistax tasal sabiex issib htija fl-imputat dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet a bazi biss tal-ewwel verzjoni moghtija minnu lill-Ufficjal Investigatur. Fil-fatt ghajr ghal din il-verzjoni, li fiha

jghid li mid-droga kokaina li huwa kellu fil-pussess tieghu, huwa ta xi ftit lill-habib tieghu, m'hemm xejn li a bazi tieghu l-Qorti tista' ssib htija dwar l-imputazzjoni ta' traffikar tad-droga kokaina u ghaldaqstant, in vista tal-kunsiderazzjonijiet maghmula izjed 'il fuq dwar din il-verzjoni, il-Qorti ma ssibx li hemm provi, lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li jwassluha sabiex issib htija fl-imputat dwar l-ewwel imputazzjoni.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, madankollu, jehtieg illi apparti l-verzjonijiet moghtija mill-imputat dwar il-provenjenza tad-droga misjuba fil-pussess tieghu, il-Qorti tezamina wkoll ic-cirkostanzi kollha li fihom instabet id-droga kokaina, sabiex b'hekk tiddeciedi jekk il-pussess bl-aggravanti jirrizultax fil-grad rikjest mil-ligi. Dwar dan, kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*"

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Issa fil-waqt illi fl-ewwel verzjoni, l-imputat jghid illi huwa ma kienx jaghmel uzu mid-droga kokaina, fit-tieni verzjoni tieghu, imbaghad, jghid illi gieli kien jaghmel uzu minnha, ghalkemm biss f'okkazzjonijiet u li d-droga misjuba kien ser juzaha huwa stess f'okkazzjonijiet. Dwar il-borza bid-droga kokaina li nstabet f'kexxun fil-kamra tas-sodda, fl-istqarrija huwa jghid illi kien ser jiehu minnha, izda dahlet

Mary fuqu u hbieha ghax ma riedx juriha. Fix-xhieda tieghu, jghid li huwa lahaq uza minn din il-borza li nstabet fil-kamra tas-sodda. Dwar jekk l-imputat kienx juza jew le l-kokaina, il-Qorti tinnota illi c-cirkostanzi ossia l-fatt illi borza minnhom instabet fil-kamra tas-sodda tieghu, juru illi x'aktarx huwa verament kien jaghmel uzu minn din id-droga, tant ukoll illi apparti li din instabet fl-imsemmi post, il-piz tat-trab li kien hemm fiha kien ta' 0.29 grammi, mentri l-boroz l-ohrajn li nstabu fil-pakkett tas-sigaretti fuq il-mejda tal-kcina kellhom piz ta' 0.46 grammi, 0.57 grammi u 0.45 grammi rispettivament, li jindika illi x'aktarx diga` kien sar uzu mill-kokaina li nstabet f'dik il-borza. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, li l-imputat kien jaghmel uzu mill-kokaina jirrizulta, tal-inqas, sal-grad tal-probabbli.

Biss il-Qorti tinnota wkoll illi b'kollox l-imputat kellu fil-pussess tieghu erba' boroz tal-*plastic* li fihom kellhom trab b'piz totali ta' 1.77 grammi u dan apparti li kif jghid l-imputat stess, huwa diga` kien ghamel uzu mill-kokaina li kienet tinsab fil-borza fil-kamra tas-sodda. Issa ghalkemm anke l-ligi fil-Kapitolu 537 tikkoncedi illi droga projbita – f'dan il-kaz kokaina – f'piz ta' inqas minn zewg grammi, twassal ghall-imputazzjoni ta' uzu personali ta' droga li ghaliha japplikaw id-disposizzjonijiet tal-imsemmi Kapitolu, biss kif anke tirrikonoxxi l-istess ligi, dan sakemm ma jirrizultawx cirkostanzi li juru li tali droga ma kinitx esklussivament ghall-uzu personali tal-pussessur. F'dan il-kaz, fl-istqarrija rilaxxjata minnu (it-tieni verzjoni tieghu), dwar l-uzu minnu tal-kokaina, l-imputat qal li ha xi seba' darbiet b'kollox, l-ahhar darba kien fl-ahhar tas-sena (jigifieri ftit jiem qabel irrilaxxja l-istqarrija), li dan l-uzu sehh fuq perjodu ta' disa' snin, li dejjem iddobba l-kokaina mill-*parties* minghand nies li ma jafhomx u li qatt ma xtara ghalih. Fix-xhieda tieghu, spjega li qal hekk ghaliex fil-fatt huwa ma kienx jaffordja jixtri l-kokaina u dan affermah izjed minn darba. Biss qal ukoll, f'din ix-xhieda, illi kien jixtri l-kokaina minghand nies ta' karnaggjon skura fl-akkwati tat-*Tiger Bar*, li xtara biss f'zewg jew tliet okkazzjonijiet u li f'dawk l-okkazzjonijiet ma kienx jehodha kollha f'salt wiehed, ghaliex jekk kien jixtri gramma ma kienx ser jehodha f'darba u ghaliex huwa ma kienx juzaha spiss. Qal ukoll illi forsi ha kokaina xi erba' jew hames darbiet f'okkazzjonijiet bhal *party* jew celebrazzjoni. Issa mix-xhieda tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[20] jirrizulta illi doza tipika ta' kokaina tikkonsisti f'0.2 grammi. Li jfisser ukoll illi la darba l-imputat kellu fil-pussess tieghu 1.77 grammi (apparti dik id-droga li huwa jghid li diga` kien ikkonsma), huwa kellu minn tmien sa ghaxar dozi (1.77g/0.2g = 8.85 dozi) – dan ukoll jekk wiehed jikkalkula illi kull borza kellha piz ta' madwar 0.5 grammi kokaina u dik li diga` kien ghamel uzu minnha l-imputat kellha 0.29 grammi, li jfisser li jekk wiehed izid doza ohra ma' din tal-ahhar ghaliex l-imputat diga` kien

[20] Ara din ix-xhieda a fol. 151 *et seq* tal-process.

uza minnha, b'kollox l-imputat kellu madwar 2 grammi kokaina u ghalhekk bizzejjed ghal ghaxar dozi. Apparti l-kuntradizzjonijiet fil-verzjonijiet tal-imputat, fis-sens illi filli jghid li qatt ma xtara kokaina ghaliex ma kienx jaffordja li jixtriha u filli jghid li xtara biss f'zewg jew tliet okkazzjonijiet biex seta' jiehu f'xi erba', hames jew seba' okkazzjonijiet – u dan suppost fuq perjodu ta' disa' snin – la darba l-imputat ma kienx jaghmel uzu ta' spiss minn din id-droga, izda anzi kien jaghmel uzu biss f'okkazzjonijiet sporadici bhala xi *party* jew okkazzjoni, mela x'kienu qed jaghmlu zewg grammi kokaina fil-pussess tieghu? Skond il-verzjonijiet tieghu, kellu bizzejjed dozi sabiex jiehu izjed kokaina milli ha f'disa' snin shah! Jekk kif jghid huwa stess, gramma ma kienx jehodha f'darba ghaliex ma kienx jiehu ta' spiss (u fil-fatt il-borza li kienet uzatha nstab fiha 0.29 gramma, meta l-boroz l-ohrajn kellhom ftit izjed jew ftit inqas minn nofs gramma), l-imputat ma kellux ghalfejn ikollu zewg grammi fil-pussess tieghu. Dan apparti dak li jghid hu illi ma kienx jaffordja jixtri l-kokaina, izda fl-istess hin kellu fil-pussess tieghu ferm izjed mid-dozi sporadici li huwa jghid li kien jaghmel uzu minnhom. Bniedem li ma jixtrix kokaina ghax ma jaffordjahix u li fuq perjodu ta' disa' snin jghid li ha d-droga f'xi seba' okkazzjonijiet, m'ghandux ghalfejn jottjeni zewg grammi jew erba' boroz kokaina f'daqqa sabiex jaghmel uzu minnhom hu. Anke **Mary Schembri**[21] li kienet ilha tiffrekwenta lill-imputat ghall-perjodu ta' madwar tliet xhur, tghid illi ma jidhrilhiex illi l-imputat kellu xi dipendenza mid-droga u li quddiemha qatt ma ghamel uzu mid-droga.

In oltre li wiehed jaghmel uzu huwa stess mid-droga, ma jeskludix necessarjament illi huwa jkollha fil-pussess tieghu droga li ma tkunx intiza biss ghall-uzu personali tieghu. Il-Qorti tinnota wkoll kif kienet maqsuma d-droga kokaina li nstabet fil-pussess tal-imputat – ossia f'boroz tal-*plastic*, *self-sealing*, ta' 0.45 grammi, 0.46 grammi u 0.57 grammi rispettivament – kif ukoll illi d-droga li l-imputat jghid li kien lahaq ikkonsma minnha kienet f'kantuniera ta' borza tal-*plastic* u mhux f'borza *self-sealing*, kif kienu l-ohrajn. Imbaghad, hemm cirkostanza ohra li l-Qorti zgur ma tistax tinjora u cioe` s-sejba tal-mizien elettroniku fl-appartament, dak iz-zmien vojt jew kwazi vojt, tal-habiba tal-imputat, Mary Schembri. Kemm Mary Schembri fix-xhieda taghha, kif ukoll l-imputat, jghidu li dan il-mizien kien tal-imputat. Anzi Mary Schembri tghid illi qabel sabuh il-pulizija, hija qatt ma kienet ratu fl-appartament taghha u illi allura ma tantx kien ilu hemmhekk. Tghid ukoll illi l-imputat kellu c-cavetta tal-appartament taghha, ghaliex kien ser jghinha fit-tibjid. Da parti tieghu, l-imputat jaghti verzjoni, li bhal fil-kaz tad-droga kokaina, ma hija kredibbli xejn, dwar kif dan il-mizien spicca fil-pussess tieghu. Fl-ewwel verzjoni tieghu, l-imputat jghid illi dan sabu gewwa *skip* fil-*playing field*

[21] Ara x-xhieda taghha a fol. 159 *et seq* tal-process.

ta’ Marsaskala u haseb li kien gugarell, gabru u hadu fid-dar ta’ Mary. Din il-verzjoni regghet giet ikkonfermata minnu fl-istqarrija li huwa rrilaxxja bil-miktub. Fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, imbaghad, huwa jghid illi dan kien sabu fi *skip* flimkien ma’ erba’ arloggi li kienu ntremew minghand habib tieghu li kellu hanut tad-deheb, li huwa kien gabar kollox, biegh l-arloggi ghaliex dawn kienu tajbin u kien bihsiebu jbiegh ukoll il-mizien. Issa apparti illi dan il-mizien ma fih proprju xejn li jista’ jaghti l-impressjoni li huwa xi tip ta’ gugarell, l-imputat fix-xhieda tieghu mhux biss ta spjegazzjoni ohra dwar kif wasal biex akkwista dan il-mizien – fis-sens illi mhux ghaliex hasbu gugarell, izda ghaliex kien gabru wara li ntremew xi affarijiet mill-hanut tad-deheb – izda ghal darb’ohra, kumbinazzjoni, jghid li dan gabru wara li hallieh warajh haddiehor. L-istorja li jaghti l-imputat fl-intier taghha hija tant mimlija b’kumbinazzjonijiet u b’sejbien ta’ oggetti, da parti tieghu, li dejjem jitlaq warajh haddiehor, li l-Qorti ma tistax hlief tqishom bhala attentat ferm fjakk da parti tal-imputat li jipprova jghaddi lil kulhadd minn ghajn il-labra! Imbaghad il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll illi fil-waqt illi fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid “*kien ilu daqxejn ghandi l-mizien*”[22], f’punt iehor jghid illi ma tantx kien ilu ghandu, forsi xi gimghatejn, mentri Mary tghid illi ma setax kien ilu hafna fir-residenza taghha, ghaliex hi qatt ma kienet innotatu qabel sabuh il-pulizija u li forsi kien ilu hemm ftit jiem. U in oltre ghalkemm l-imputat jghid illi l-persuna li rema l-mizien kien habib tieghu, u li sal-gurnata li fiha huwa xehed, dan kien ghadu bil-hanut, skond hu illum *Shooters*, gewwa Marsaskala, l-imputat baqa’ ma gab l-ebda prova ohra dwar dan, lanqas sal-grad tal-probabbli. Il-Qorti tinnota wkoll illi ghalkemm dan il-mizien ma nstabx fir-residenza tal-imputat, izda tal-habiba tieghu, mhux biss dan kien tieghu, izda din ir-residenza li huwa kellu access ghaliha, kienet tinsab fl-istess triq fejn kien jabita l-imputat.

F’dan il-kuntest, il-Qorti tinnota wkoll illi ghalkemm id-djarju misjub fil-pussess tal-imputat, jikkontjeni diversi notamenti fosthom ismijiet u cifri ta’ flus, minnhom maqtughin, li certament huma suspettuzi u li jistghu jirreferu ghall-bejgh tad-droga da parti tal-imputat, biss fil-waqt illi l-Qorti ma tqisx l-unika spjegazzjoni li ta l-imputat dwar dan id-djarju bhala attendibbli jew kredibbli[23], la darba l-Ufficjal Investigatur naqas li jaghmel izjed domandi specifici lill-imputat fl-istqarrija tieghu dwar dawn l-ismijiet u c-cifri u s-sinjifikat taghhom, il-Qorti ma tqisx illi tista’ tasal, fil-grad li trid il-ligi, ghal xi konkluzjoni specifika dwarhom jew illi necessarjament dawn jindikaw spacc da parti tieghu, tad-droga kokaina.

[22] A fol. 181 tal-process.
[2323] Fix-xhieda tieghu (a fol. 14 tal-process), l-Ufficjal Prosekutur jghid illi meta l-imputat gie mistoqsi dwar dan id-djarju, huwa qal illi dan ghandu x’jaqsam mal-affarijiet li jiehu meta jmur il-gym, izda ma elaborax iktar fuqu.

Madankollu, meta l-Qorti tqis ic-cirkostanzi l-ohrajn flimkien ossia l-pussess tad-droga kokaina f'ammonti li ma jittaljawx mal-uzu li l-imputat jghid li kien jaghmel mill-kokaina, il-mod kif kienet maqsuma din id-droga u li d-droga li kien qed jaghmel uzu minnha l-istess imputat, kienet f'kantuniera ta' borza tal-*plastic* mentri t-tliet boroz l-ohrajn kienu tat-tip *self-sealing*, il-fatt li fil-pussess tieghu, l-imputat kellu mizien elettroniku zghir u l-verzjonijiet varji li ta l-imputat, kemm dwar il-provenjenza tad-droga u tal-mizien li fihom infushom jwasslu lill-Qorti sabiex ma tqisx lill-imputat kredibbli u veritier u biex ma temminx ghalhekk il-verzjoni tieghu li d-droga misjuba kienet intiza biss ghall-uzu personali tieghu, iwasslu lill-Qorti sal-konvinciment morali illi d-droga kokaina misjuba fil-pussess tieghu ma kinitx intiza esklussivament ghalih u ghaldaqstant, tqis it-tieni imputazzjoni bhala sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi. Biss fil-waqt li din l-imputazzjoni tirreferi ghas-17 ta' Jannar 2009 u s-snin ta' qabel, il-Qorti tqis illi tista' ssib htija biss fir-rigward tad-data li fiha l-imputat instab fil-pussess ta' din id-droga ossia fis-17 ta' Jannar 2009, u dan ghaliex mill-provi, anke minhabba l-verzjonijiet konfliggenti tal-imputat, ma tistax tasal lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, ghaz-zmien li fih din id-droga kienet ilha fil-pussess tieghu.

Permezz tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, imbaghad, l-imputat gie akkuzat ukoll bil-pussess semplici tar-raza tal-*cannabis* u tal-pjanta tal-*cannabis* rispettivament. Skond ir-relazzjoni tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut, fost l-oggetti misjuba fil-pussess tal-imputat, kien hemm tliet bicciet ta' sustanza kannella u borza tal-*plastic* li kien fiha trab ta' lewn kannella, flimkien ma' landa tal-hadid li kien fiha pakkett tar-Rizla u anke *crusher* tal-*plastic.* Instab ukoll nofs sigarett gol-pakkett tas-sigaretti *Silk Cut* u mir-ritratti esebiti mar-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia, jidhru wkoll bicciet tal-karti zghar, wahda minnhom bil-marka tas-sigaretti *Rothmans Red.* Ukoll skond ir-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut, il-*crusher*, is-sustanzi kannella u t-trab kannella kienu lkoll pozittivi ghall-*cannabis* u fihom instabet is-sustanza *Tetrahyrdocannabinol.* Issa apparti s-sejba tas-sustanzi li kienu lkoll pozittivi ghas-sustanza *Tetrahyrdocannabinol,* il-pussess tal-*crusher* u anke tal-karti tar-Rizla da parti tal-imputat juru illi huwa kien jaghmel uzu mill-*cannabis,* kif juru wkoll in-nofs sigarett misjub fil-pakkett tas-sigaretti u l-bicciet zghar tal-karti mehuda minn sigarett li jindikaw illi x'aktarx l-imputat kien jiehu t-tabakk mis-sigaretti sabiex ikun jista' jhalltu mal-*cannabis.* Dan jikkorobora dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu, fis-sens illi huwa xtara l-bicciet tar-raza tal-*cannabis* mill-Marsa u li kien xtara bicca ta' *ten* bil-prezz ta' tlieta u ghoxrin Euro. Jghid ukoll fl-istess stqarrija li kien ilu jpejjep ir-raza mis-sena 1995 u mistoqsi wkoll kemm kien ilu jpejjep is-sensimilla u cioe` il-weraq tal-pjanta tal-*cannabis* biz-zerriegha mahkuka, jghid illi bejn wiehed u iehor dan ukoll kien ilu jaghmlu mis-sena 1995. Anke fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi fil-pussess tieghu, fiz-

zmien in kwistjoni, kellu zewg tipi ta' *cannabis* – b'dan il-Qorti tifhem ir-raza u l-pjanta – ghalkemm il-Qorti, kif inghad, ma temminx il-verzjoni tal-imputat dwar il-provenjenza tal-pjanta tal-*cannabis*, fis-sens illi din instabet minnu mal-kokaina. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi anke t-tielet u r-raba' imputazzjonijiet gew sodisfacentement ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati odjerni, liema fedina penali ma kinitx wahda allarmanti u li din baqghet l-istess sat-2 ta' April 2015, kif jirrizulta mill-fedina penali aggornata tal-imputat.

Qieset ukoll fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, l-ammont u l-purita` tad-droga kokaina li nstabet fil-pussess tal-imputat u applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha li taghhom l-imputat qed jinstab hati.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni (a) migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu hati tal-imputazzjonijiet (b), (c) u (d) u tikkundannah ghal piena ta' **sitt (6) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' disa' mija u erbghin Euro (€940)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha jiskonta l-piena ta' prigunerija li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jivverifika din id-data mal-awtoritajiet tal-habs. B'dan pero` illi jekk il-hati jonqos li jhallas xi pagament wiehed fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda **tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez** konnessi mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri ossia l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut, **ammontanti ghas-somma ta' mitejn, erbgha u sittin Euro u tnejn u tletin centezmu (€264.32)**, liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sitt (6) xhur mil-lum. Il-Qorti m'hijiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez

konnessi mal-inkarigu tal-espert Joseph Mallia u dan stante illi l-analizi tal-istess espert tat ezitu negattiv.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti kollha esebiti bhala Dokumenti DT2, DT3 u DT4, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat